MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Numru 22/2008

Att ta' Akkuza Nru: 22/2008

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Omissis

Darren Aquilina

Illum 4 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuza numru 22 tas-sena 2008 migjuba fil-konfront ta' Omissis u Darren Aquilina detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 461284M fejn l-Avukat Generali fl-ewwel Kap ippremetta:

Illi bejn Jannar u Frar 2007 Omissis u Darren Aquilina ftehmu li jibdew jinnegozjaw illegalment d-droga kokajina. Illi infatti in esekuzzjoni tal-pjan taghhom Darren Aquilina kellu jgib il-flus biex Omissis jgiblu d-droga mighand barrani ghal prezz ta' madwar hamsin elf euro u dana dejjem bl-iskop li istess ammont konsiderevoli ta' droga tigi traffikata Malta. Fil-fatt fl-1 ta' Frar 2007 Omissis u Aquilina kienu fi flat

San Gwann meta Aquilina ta l-flus lil Omissis u dan mar jixtri seba u disghin capsula mimlija kokajina biex tigi traffikata. Illi l-istess droga thalliet fl-istess flat li huma t-tnejn kellhom ic-cavetta tieghu.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Omissis u Darren Aquilina saru hatja talli assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta u barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) jew ippromovew, ikkostitwixxu, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Omissis u Darren Aquilina hatja talli assocjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta u barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) jew ippromovew, ikkostitwixxu, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmi izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf, erba mija u disgha u sittin euro u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(A)(i)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-msemmija akkuzati.

Fejn l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi Darren Aquilina kien ilu zmien jaf lil Omissis u f'Ottubru u Dicembru 2006 kien biegh lil Omissis u persuni ohra illegalment d-droga kokajina. Illi fil-fatt hu hajjar lil Omissis biex jibda jinnegozja fid-droga kokajina u nfatti fl-1 ta' Frar 2007 Omissis xtara illegalment kwantita` ta' kokajina kif indikat fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza..

Id-droga kokajina msemmija hija droga specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmija Darren Aquilina u Omissis la kellhom licenzja mill-President ta' Malta ghall-ghemil taghhom u anqas kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija. Inoltre Joseph Bugeja u John Sultana ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellhomx licenzja u anqas kienu xort'ohra awtorizzati li jimmanifattura jew li jfornu d-droga msemmija. L-istess Joseph Borg u John Sultana ma kellhomx licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Darren Aquilina u Omissis saru hatja talli fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordianza dwar-il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perrikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kelhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatura jew li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Darren Borg u Omissis hatja talli ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghal-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtiorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u li jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija u disgha u sittin euro u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u propjeta` tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, propjeta` mobbli jew propjeta` immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Fejn l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi fl-1 ta' Frar 2007 taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza Omissis kellhom fil-pussess taghhom 955.811 grammi tad-droga kokajina illegalment u dan bil-hsieb li jbieghu l-istess droga u mhux ghall-uzu esklussiv taghhom.

Illi d-droga kokaina hija droga specifikata fl-ewwl skeda mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmija Omissis u Darren Aquilina ma kellhomx awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw jew ifornu dik id-droga. Anqas kienu b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u anqas kienu awtorizzati mill-President ta' Malta li jkollhom id-drogi fil-pussess taghhom.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Omissis u Darren Aquilina saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta'Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-dorga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall uzu esklussiv taghhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Omissis u Darren Aquilina hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u li huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija u disgha u sittin euro u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 14(1)(5),20,22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Rat il-verbal tas-seduta tal-hdax (11) ta' Frar tal-elfejn u hmistax (2015) fejn l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet debitament konfermata;

Ghaldaqstant tiddikjara lil Darren Aquilina hati talli:

1. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta u barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) jew ippromovew, ikkostitwixxu, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.
2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordianza dwar-il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perrikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kelhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatura jew li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga.
3. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta'Malta li jkollhu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-dorga ma gietx fornita lilhu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' Dr Joseph Spiteri ai fini tal-piena;

Rat illi l-akkuzat ghandu jibbenefika mill-provvedimenti tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta bi grad.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll tal-avukat in rapprezentanza tal-Avukat Generali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

L-akkuzat Darren Aquilina kien originarjament mixli flimkien ma' Alberto Bafumi bl-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat. B'sentenza tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) il-kaz ta' Alberto Bafumi gie definittivament konkjuz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ikkundannatu ghal disa'snin prigunerija kif ukoll il-multa ghall-istess reati illi taghhom huwa addebitat l-akkuzat odjern Darren Aquilina. Il-Qorti tal-Appell Kriminali hadet in konsiderazzjoni ukoll illi Bafumi kellu kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

Fit-trattazzjoni taghha d-Difiza argumentat li l-punto di partenza ghal dak illi huwa terminu ta' prigunerija kellu jkun disa' (9) snin, però l-akkuzati kellhom rwol differenti. Bafumi kien il-furnitur u allura l-ispaccatur tad-droga mentri Darren Aquilina kellu involviment minuri u ghalhekk il-piena li ghandha tigi erogata lil Aquilina kellha tkun anqas minn dik ta' Bafumi.

Din il-Qorti ma tahsibx illi dan l-argument ghandu jirnexxi. Dan il ghaliex kemm Bafumi kif ukoll Aquilina kienu addebitati bl-istess reati fosthom dak magguri ta' assocjazzjoni sabiex jimpurtaw id-droga. Jekk Bafumi forna d-droga, Aquilina accetta illi jkun parti minn din l-assocjazzjoni. Ghalhekk la kien hemm ftehim bejniethom u kien hemm ukoll ftehmu dwar il-modalità ta' kif kellha tigi mwettqa dik l-operazzjoni, kwindi ghall-fini tal-assocjazzjoni dan ir-reat jissussisti kemm fil-konfront ta' Bafumi kif ukoll fil-konfront ta' Aquilina.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi Aquilina ghandu jigi trattat l-istess bhal Alberto Bafumi, it-tnejn b'applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101. Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22 (1) (a) (f) (2) (a) (i) (ii) (ia) (iB) (2) (A) (i) (3A) (d) u 26 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap 101) u r-regoli 4(a) u 8

tar-regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G) (N), 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Darren Aquilina ghal piena komplessiva ta' disa' (9) snin prigunerija u multa ta' tlieta u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€23,500) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' tnax-il (12) xahar prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' tlett elef disgha mija u hdax il-Ewro u seba' u sebghin centezmu (€3911.77) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Inoltre jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------